

Brussell, 13 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13198/17

CLIMA 275
ENV 843
ONU 134
DEVGEN 228
ECOFIN 823
ENER 403
FORETS 42
MAR 174
AVIATION 133

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Ottubru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	12911/17 CLIMA 261 ENV 805 ONU 126 DEVGEN 220 ECOFIN 789 ENER 384 FORETS 39 MAR 166 AVIATION 127 Il-Ftehim ta' Pariġi u tnejniet għal-laqgħat tal-UNFCCC (Bonn, 6-17 ta' Novembru 2017) - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan ta' hawn fuq, adottati mill-Kunsill fit-3565 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Ottubru 2017.

Il-Ftehim ta' Pariġi u tħejijiet għal-laqgħat tal-UNFCCC

(Bonn, 6-17 ta' Novembru 2017)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Azzjoni globali taħt il-Ftehim ta' Pariġi

1. JISSOTTOLINJA l-importanza kruċjali ta' ordni globali bbażat fuq ir-regoli, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu għal dinja paċifika u sostenibbli;
2. JILQA' d-dħul fis-seħħ rapidu tal-Ftehim ta' Pariġi, bħala xhieda tad-determinazzjoni tal-komunità internazzjonali biex tiffaċċa l-isfida komuni tat-tibdil fil-klima; JISĦAQ li l-Ftehim ta' Pariġi huwa irriversibbli u li l-integrità u l-implimentazzjoni sħaħ tiegħu huma kruċjali għas-sigurtà u l-prosperità tal-pjaneta kollha; JENFASIZZA s-sinjal ċar li huwa jipprovdi lill-gvernijiet, l-awtoritajiet sottonazzjonali, is-soċjetà ċivili, in-negozju u s-settur privat rigward id-direzzjoni ta' azzjonijiet globali dwar it-tibdil fil-klima;
3. JIRRIKONOXXI bi tħassib kbir iż-żieda fl-intensità u/jew fil-frekwenza ta' avvenimenti estremi tat-temp li kkawżaw imwiet numerużi u spostament estensiv tal-popolazzjoni, affettwaw l-għajxien u s-saħħa ta' miljuni ta' persuni madwar id-dinja, u rriżultaw f'biljuni ta' euro f'danni lill-infrastruttura u l-ekosistemi; JINNOTA li skont riċerka xjentifika t-tibdil fil-klima qed jikkontribwixxi għaż-żieda fl-intensità u/jew il-frekwenza ta' dawn l-avvenimenti klimatiċi estremi; JINNOTA bi tħassib is-sejbiet reċenti tal-Kunsill tal-Artiku li l-Artiku qed jisħon aktar mid-doppju tar-rata medja globali li jirriżulta f'konsegwenzi globali serji;

4. JENFASIZZA li l-parteċipazzjoni u l-kontribuzzjoni ta' kull pajjiż huma essenzjali għat-tisħiħ tar-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima u biex jintlaħqu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, is-sigurtà tal-ikel, l-ugwaljanza bejn is-sessi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għad-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali, u l-protezzjoni tal-bijodiversità; JESPRIMI s-solidarjetà tiegħu ma' dawk li huma l-aktar vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima;
5. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-Unjoni Ewropea li timplimenta b'mod sħiħ il-Ftehim ta' Pariġi, li ġie espress l-aktar reċentement mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2017 u mill-Kunsill Affarijiet Barranin tad-19 ta' Ġunju; JENFASIZZA l-importanza kruċjali tal-Ftehim ta' Pariġi bħala l-istrument globali għat-tisħiħ tal-azzjoni kollettiva kontra t-tibdil fil-klima, li jikkontribwixxi għas-sigurtà globali u jaċċellera t-transizzjoni lejn emissjoni baxxa ta' gass b'effett ta' serra u ekonomiji u soċjetajiet sostenibbli u reżiljenti għall-klima;
6. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-UE ser tkompli tmexxi l-isforzi globali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u tibqa' impenjata li tkompli l-kooperazzjoni mal-Partijiet kollha dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, biex issaħħaħ is-sħubiji eżistenti tagħha u tfittex alleanzi ġodda mas-sħab internazzjonali tagħna u taħdem flimkien ma' diversi atturi, li esprimew l-appoġġ tagħhom għall-Ftehim ta' Pariġi u li qegħdin jieħdu azzjoni klimatika ambizzjuża; JAPPELLA lis-sħab kollha biex iżommu l-momentum biex jinkisbu riżultati pożittivi fil-COP23, COP24 u lil hinn;
7. JILQA' r-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi minn 166 Parti, inkluż it-tlestija tar-ratifiki mill-Istati Membri kollha tal-UE; IĦEĠĠEĠ lill-pajjiżi l-oħra kollha biex jirratifikaw il-Ftehim mill-aktar fis possibbli; ITENNI l-appoġġ qawwi tiegħu għall-approċċ inklużiv biex jiġi żgurat li l-Partijiet kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw u jikkontribwixxu b'mod sħiħ għall-operazzjonalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi;

Progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi

8. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE li tkompli timplimenta l-politiki tagħha dwar il-klima, f'konformità mal-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 għall-Unjoni Ewropea li ntlaħaq qbil dwaru mill-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014; JILQA' l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali (NDC) tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex tinkiseb il-mira li l-emissjonijiet domestiċi ta' gass b'effett ta' serra jitnaqqsu b'mill-inqas 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990; JIRRIKONNOXXI l-importanza tal-għanijiet fit-tul u ċ-ċikli ta' rieżami ta' ħames snin fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi;
9. JISSOTTOLINJA li l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra għall-2020 b'20 % meta mqabbla mal-1990; ITENNI li l-UE u l-Istati Membri tagħha diġà qegħdin jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont it-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, u li skont data reċenti x'aktarx jaqbżu l-mira tagħhom tal-2020, filwaqt li l-ekonomija kibret;
10. IĦEĠĠEĠ lill-pajjiżi kollha biex jipproċedu bit-tħejjijiet u bl-implimentazzjoni tal-kontributi determinati fil-livell nazzjonali (NDCs), u, kif adatt, proċessi ta' ppjanar għall-adattament xprunati mill-pajjiżi; JINNOTA li l-isforz u l-azzjonijiet mill-pajjiżi tal-G20, li huma responsabbli għal madwar 80 % tal-emissjonijiet globali ta' gass b'effett ta' serra, huma ferm importanti; JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jkomplu jikkondividu esperjenzi ma' pajjiżi sħab u jappoġġawhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-NDCs tagħhom, fil-kuntest ta' żvilupp ibbażat fuq emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex titrawwem il-konnessjoni bejn l-NDCs u l-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali, inkluż permezz ta' inizzjattivi bħas-Sħubija tal-NDC; JIRRIKONNOXXI l-isforzi tal-Pajjiżi l-Inqas Żviluppanti u tal-Istati Gżejjer Żgħar li Qed Jiżviluppaw;

11. JISSOTTOLINJA l-kontributi li qed jiżdiedu, li jirriżultaw minn kooperazzjoni multilaterali permezz tal-Konvenzjoni u azzjonijiet volontarji u kollaborattivi permezz tal-Aġenda għal Azzjoni Klimatika Globali (GCAA) biex jinkisbu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; JAPPREZZA l-isforzi u l-wegħdiet attwali u daww imħabbra minn awtoritajiet subnazzjonali, intrapriżi, is-soċjetà ċivili, u atturi mhux statali oħra biex tiġi avvanzata l-azzjoni klimatika; JISTIEDEN aktar sforzi f'dan il-qasam; JILQA' l-ħidma tal-Promoturi tal-Azzjoni Klimatika Globali; IĦEĠĠEĠ l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw il-fehim dwar il-progress u t-tweqqi tal-inizjattivi u koalizzjonijiet tal-GCAA; u JAPPOĠĠA l-approċċ tagħhom lejn is-Sħubija ta' Marrakech għal Azzjoni Klimatika Globali;
12. JISSOTTOLINJA r-rwol kritiku tal-IPCC fl-għoti ta' kontributi xjentifiċi għall-ħidma tal-UNFCCC u l-bażi xjentifika prinċipali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi; JISTENNA B'INTERESS ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar l-impatti tat-tiżhin globali ta' 1.5 C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u modi relatati mal-emissjonijiet globali ta' gass b'effett ta' serra; IQIS li r-Rapport Speċjali dwar il-1.5 °C ser ikun sors ta' informazzjoni utli għad-diskussjonijiet is-sena d-dieħla fil-kuntest tad-djalogu faċilitattiv tal-2018;
13. JENFASIZZA l-importanza tal-istrateġiji fit-tul għall-iżvilupp ta' emissjonijiet baxxi ta' gass b'effett ta' serra bħala għodda ta' politika biex jiġu żviluppati modi affidabbli u l-bidliet ta' politika fit-tul li huma meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; u JĦEĠĠEĠ l-iżvilupp tagħhom; JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri li jħejju analiżi fil-fond tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali ta' modi li huma koerenti mal-għanijiet fit-tul dwar it-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex id-dibattiti politiċi jkunu informati bil-ħsieb li titfassal l-istrateġija tal-UE f'konformità mal-paragrafu 35 tad-Deċiżjoni 1/CP21;
14. IFAKKAR li azzjoni klimatika ambizzjuża hija prijorità strateġika fid-djalogi diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-kooperazzjoni u l-azzjoni konġunta konkreta ma' pajjiżi sħab f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-2016 għad-Diplomazija dwar il-Klima u l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2017 dwar id-diplomazija tal-UE fil-klima u fl-enerġija;

15. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2017 dwar il-finanzjament għall-klima]; [JIRRIAFFERMA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati biex ikomplu jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima, bħala parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 imbagħad sal-2025 għall-finijiet ta' mitigazzjoni u adattament, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi; ITENNI li l-finanzjament pubbliku għall-klima ser jibqa' jaqdi rwol sinifikanti; JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornitur tal-finanzjament pubbliku għall-klima u jissottolinja l-ħtieġa ta' parteċipazzjoni futura minn firxa usa' ta' kontributuri;
16. ITENNI l-appell tiegħu lill-Partijiet kollha biex ifasslu r-rendikont globali (GST) bħala l-element ewlieni ta' ċiklu ta' ambizzjoni akbar li ser jinforma u jinċentiva proċessi biex tissaħħaħ progressivament azzjoni ambizzjuża, kemm domestikament kif ukoll kollettivament; IQIS li l-GST għandu jirriżulta f'fehim kondiviż tal-effett ġenerali tal-kontributi tal-Partijiet u ta' x'jeħtieġ li jsir b'mod kollettiv biex jintlaħaq il-fini tal-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet fit-tul tiegħu, kif ukoll għal opportunitajiet konkreti għal azzjoni klimatika; JENFASIZZA l-importanza li jsir sforz favur skedi ta' żmien komuni għall-NDCs tal-Partijiet kollha;

Riżultati mistennija tal-COP23

17. JAPPREZZA t-tmexxija unika ta' Fiġi bħala l-ewwel stat gżira żgħir li ppresieda COP; JIKKONFERMA l-appoġġ tiegħu għall-Presidenza Figijana li jmiss tal-COP/CMP/CMA fl-inizjattivi tagħha fit-tnejn u waqt il-COP23 bil-ħsieb li l-laqgħa tkun suċċess;
18. JILQA' l-konsultazzjonijiet inklużivi u trasparenti li twettqu mill-Presidenza Marokkina attwali u dik Figijana li jmiss tal-COP f'Mejju 2017 dwar l-organizzazzjoni tad-djalogu faċilitattiv tal-2018, l-ewwel mument politiku ewlieni wara Pariġi fejn il-Partijiet ser jevalwaw l-isforzi kollettivi tagħhom lejn il-kisba tal-oġettiv stabbilit fl-Artikolu 4(1) tal-Ftehim ta' Pariġi; JINNOTA li r-riżultati tad-djalogu faċilitattiv ser jiggwidaw it-tnejn tal-NDCs f'konformità mal-paragrafu 20 tad-Deċiżjoni 1/CP.21; JISĦAQ fuq l-importanza li meta l-COP23 tintemm, ikun hemm biżżejjed ċarezza dwar kif ser jitwettaq id-djalogu faċilitattiv tal-2018; JIPPREVEDI l-partiċipazzjoni attiva tal-UE u tal-Istati Membri fid-djalogu faċilitattiv tal-2018;

19. JISTENNA B'INTERESS Avveniment kostruttiv ta' Livell Għoli mill-Promoturi tal-Azzjoni Klimatika Globali fil-COP23 u rwol imsaħħa tal-atturi mhux statali;
20. JIRRIKONOXXI l-progress li sar dwar il-programm ta' ħidma ta' Pariġi mill-COP22 ta' Marrakech u l-laqgħat tal-Korpi Sussidjarji ta' Bonn f'Mejju 2017; JISSOTTOLINJA li l-COP23 f'Bonn għandu jagħmel progress sostanzjali fil-forma ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet jew elementi testwali fil-punti ordnati kollha tal-programm ta' ħidma ta' Pariġi bil-ħsieb li tiġi żgurata l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet fil-COP24; JAPPOĠĠA li titmexxa 'l quddiem it-tnejn tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim b'mod bilanċjat, inkluż il-mitigazzjoni, l-adattament, il-mezzi ta' implimentazzjoni u l-qafas ta' trasparenza bħala element prinċipali biex tiġi żgurata l-effikaċja tal-Ftehim ta' Pariġi;
21. JISTENNA B'INTERESS li jaħdem b'mod produttiv ma' Partijiet oħra, qabel u waqt il-COP24 f'Katowice fil-Polonja fl-2018, bil-ħsieb ta' eżitu pożittiv skont il-programm ta' ħidma miftiehem bi tnejn għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi;

Proċessi oħra

22. JENFASIZZA l-importanza li jitkompla t-tisħiħ tal-koerenza tal-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri kif ukoll ma' Konvenzjonijiet oħra ta' Rio u strateġiji rilevanti tan-NU; JINNOTA li dawn l-istrumenti multilaterali wrew il-ħtieġa u l-kapaċità tal-Istati Membri kollha tan-NU li jaħdmu fi sħubija biex jindirizzaw kwistjonijiet globali - it-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, u l-isforzi biex jitnaqqas u jiġi mmaniġġat ir-riskju ta' diżastri, u biex jinqered il-faqar;

23. JILQA' l-adozzjoni tal-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu biex jitnaqqsu b'mod gradwali l-idrofluworokarburi (HFCs), waqt it-tmienja u għoxrin Laqgħa tal-Partijiet, u JFAKKAR fl-adozzjoni mill-Kunsill tad-deċiżjoni li tikkonkludi, fisem l-UE, l-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal; JILQA' l-fatt li għadd ta' Stati Membri diġà bdew u wħud minnhom diġà lestew il-proċeduri ta' ratifika nazzjonali tagħhom tal-Emenda ta' Kigali; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri l-oħra biex ilestu l-proċeduri ta' ratifika nazzjonali tagħhom u lill-Partijiet l-oħra biex jirratifikaw l-Emenda ta' Kigali mill-aktar fis possibbli, sabiex jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ tal-Emenda ta' Kigali fl-1 ta' Jannar 2019;
24. JILQA' l-ftehim tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) dwar l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) u jistenna b'interess il-finalizzazzjoni tar-regoli operazzjonali tiegħu u l-implimentazzjoni f'waqtha tiegħu; JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata l-integrità ambjentali, inkluż billi jiġi evitat l-għadd doppju; JISTIEDEN lill-Partijiet kollha biex jipparteċipaw fil-fażi volontarja ta' CORSIA;
25. JAPPELLA lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) biex tkompli taċċellera l-isforzi tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mis-settur marittimu u biex f'April 2018 tadotta Strateġija inizjali ambizzjuża tal-OMI dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mill-vapuri inkluż miżuri ulterjuri f'konformità mal-pjan direzzjonali tal-OMI mal-għanijiet fit-tul għat-temperaturi tal-Ftehim ta' Pariġi.
-